# Il-Ħadd 29.03.2015

1. Illum 29/03, **Ħadd il-Palm**:
   - Fit-8:00am - Nitilqu mill-Knisja, u ninġabru fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Santa Marija.
   - Fit-8:15am - Jitbierek iż-żebbuġ u tingħata bidu għall-Purċissjoni li tgħaddi minn: Triq Santa Marija, Misraħ il-Knisja għall-knisja parrokkjali.
   - Fit-8:30am - Inkomplu bil-quddiesa. Infakkru lit-tfal tal-katekiżmu biex iġibu l- Karus ta' Mħabba magħhom.

2. It-Tnejn 30/03 u t-Tlieta 31/03:
   - Bħal kull sena, matul dawn il-jumejn, qed nitolbu biex min jista' jġib fjuri bojod u ħaxix ħalli jkun jista' jiżżejjen l-Altar tar-Repożizzjoni (is-Sepulkru).

3. L-Erbgħa 01/04:
   - Mit-8:15am sad-9:00am jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-7:30pm tibda l-Via Sagra Nazzjonali mmexxija mill-Arċisqof, u li tiġi organizzata mill-RTK. Din is-sena ser issir mill-Isla sal-Birgu bl-istatwa ta' Ġesù Redentur u ddum sad-9:00pm. Mistednin speċjali huma l-Fratelli u dawk kollha li jagħtu sehemhom fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa. L-Unità Parrokkjali tagħna qed torganizza t-trasport li jitlaq mill-pjazza fis-6:30pm. Min jixtieq jiġi jinkiteb fis-Sagristija.

4. Għall-jiem tat-**Tridu ta' l-Għid, — jiġifieri Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira, u Sibt il-Għid** — araw il-programm dettaljat fil-fuljett 'Flimkien' li beda jitqassam fi djarkom. Inħeġġu ħafna l-parteċipazzjoni tagħkom f'dawn il-funzjonijiet speċjali. F'dawn il-jiem ikollna bżonn ħafna għajnuna, speċjalment hawn fil-knisja. Napprezzaw ħafna dik id-daqqa t'id li tistgħu toffru, kemm fl-armar u kemm fit-tindif tal-knisja.

5. Is-Sibt 04/04, **Sibt il-Għid**:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Parti mill-funzjoni tkun li nixgħelu ix-xemgħat mill-Blandun. Nistednukom iġġibu x-xemgħat magħkom mid-dar, qies normali. Wara li nużawhom fil-funzjoni inħalluhom il-knisja biex inkunu nistgħu nixgħeluhom matul is-sena fuq l-altar maġenb it-tabernaklu.

6. Avviżi oħra:
   - Infakkar li matul dawn il-jiem għandna xi wirjiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa li ta' min inżuruhom:
     - Il-Wirja mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Każin San Pawl fiċ-Ċentru Parrokkjali;
     - Il-Wirja mtella' f'garaxx nru 32, Triq Dun Ġużepp Caruana.
   - Issa li daret is-siegħa, il-quddies ta' filgħaxija tal-Ħadd jibda jkun fis-6:00pm. Tibda minn Ħadd il-Għid.
   - Matul dawn il-jiem qed isiru xi lotteriji organizzati mill-parroċċa b'risq ir-restawr ta' San Pawl. Inħeġġukom tieħdu sehem.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 60 bħala donazzjonijiet għall-fjuri tad-Duluri. Grazzi mill-qalb.